# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 621/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Mario Xiberras)**
**(Spett. Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Jean Claude Galea**
**(K.I. 0007496M)**

**Illum, 24 ta' Ġunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Jean Claude Galea** ta' 24 sena bin Leslie Galea u Veronica nee' Xuereb mwieled il-Pietà nhar il-25 ta' Diċembru 1995 u residenti ġewwa l-fond bin-numru 48 Lesman Triq Ebona, Żebbuġ detentur bil-karta tal-identità numru 0007496M u akkużat talli:

1. Nhar il-05 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' bejn 02:30hrs u 03:30hrs ġewwa triq il-kbira, Ħal Qormi irrenda ruħu kompliċi biex isir reat ta' ħruq volontarju ta' vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni JAN787 tal-għamla Mazda għad-detriment ta' George Azzopardi u/jew ta' persuni oħra, filwaqt li ma kien hemm ebda persuna ġewwa l-istess vettura u din l-istess vettura kienet qiegħda b'mod li ma jistax jqabbad ħruq, f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, irrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' ħsara jew għaraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe għamel ħsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAN787 tal-għamla Mazda liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro l-€2,500 iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (250) għad-dannu ta' George Azzopardi minn Ħal Qormi u/jew ta' persuni oħra;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, hekk kif maħsub f'artikolu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Jean Claude Galea bħala li hu reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' George Azzzopardi, l-familjari tiegħu u l-koabitant tiegħu Michelle Vella kif ukoll għas-sigurta ta' Joseph Portelli.

Rat l-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1] datat it-18 ta' Novembru 2020 sabiex Jean Claude Galea jiġi trattat bil-proċedura sommarja.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, l-akkużat eżenta lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi nhar il-5 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tat-3:00am, ċerta Etienne Hili mar jirrapporta l-għassa tal-pulizija illi quddiem il-forn tiegħu, li jinsab fi Triq il-Kbira, Ħal-Qormi, kien hemm vettura tat-tip Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni JAN-787 ipparkjata u li kellha l-parti ta' quddiem tagħha kien qed jabqad. Fuq il-post marru l-uffiċjali pulizija kif ukoll membri tal-

---

[1] A fol. 8 tal-atti proċesswali.

protezzjoni ċivili sabiex jikkontrollaw in-nar. Irriżulta li l-vettura kienet ta' ċerta George Azzopardi.

Illi l-ispettur Mario Xiberras xehed[2] illi hu flimkien mal-ispettur Jeffrey Scicluna bdew jinvestigaw dan il-każ u kienu arrestaw lil ċerta Joseph Portelli u dan wara li skontha, hu ried ikollu relazzjoni magħha u ma rieditux. Joseph Portelli kien ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'rabta ma dan ir-reat u nstab ħati tiegħu.[3] Huwa kkonferma mal-pulizija li kien inkariga lill-akkużat Jean Claude Galea sabiex iwettaq dan il-ħruq u ta' dan taħ elf Ewro. Fuq din l-informazzjoni, il-Pulizija arrestat lil Jean Claude Galea. In kontro-eżami xehed[4] illi waqt l-istqarrija li ħadu tal-akkużat, l-istess akkużat ma kien qed jilmenta minn ebda uġigħ jew li kellu xi effett ta' xi ħaġa.

Illi mill-investigazzjonijiet tagħha, il-Pulizija irriżultalha illi nhar is-26 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 4:49 pm Joseph Portelli kif ukoll Jean Claude Galea kienu fl-inħawi ta' Burmarrad. Illi mill-investigazzjonijiet tagħhom il-pulizia rriżultalha wkoll illi fuq il-mobile tiegħu, Jean Claude Galea kellu ritratt tan-numru ta' reġistrazzjoni JAN-787 li ttieħed dakinhar tas-26 ta' Awwissu 2020 fil-17:31hrs. Meta mitkellem mill-Pulizija, l-akkużat innega li b'xi mod kellu x'jaqsam ma' dan il-każ. L-ispettur ippreżenta żewġ stqarrijiet awdjo viżivi, it-tnejn ta' Joseph Portelli fil-preżenza ta' Jean Claude Galea iżda waħda meħuda nhar it-16 ta' Novembru 2020 u l-oħra nhar is-17 ta' Novembru 2020.[5]

Illi l-ispettur Kevin Pulis xehed[6] illi fiż-żmien tal-inċident huwa kien stazzjonat l-għassa ta' Ħal Qormi. Qal li meta marru fuq il-post ma raw xejn suspettuż iżda mill eżami tal-filmati tas-CCTV fl-akkwata rriżulta li ħdejn il-

---

[2] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Marzu 2021 a fol. 53 tal-atti proċesswali.
[3] Ara s-sentenza erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Novembru 2020, a fol. 69 tal-atti proċesswali, kif ikkonfermata mid-Deputat Reġistratu Deandra Zerafa nhar il-21 ta' Jannar 2022, a fol. 95 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Jannar 2023, a fol. 283 tal-atti proċesswali.
[5] Ppreżentati bħala Dok "MX1" a fol. 57 tal-atti proċesswali. It-traskrizzjoni tagħhom tinab a fol. 192 u fol. 217 rispettivament.
[6] Ara x-xhieda mogħtija fl-04 ta' Marzu 2022 a fol. 101 tal-atti proċesswali.

vettura dehret persuna maskili liebsa hoodie u kien qed jitfa xi fuel fuq il-vettura u sussegwentement qabdet in-nar. Huwa nforma lill-Maġistrat Inkwirenti u nfetħet l-*in genere* rispettiva.

Illi l-ispettur Jeffrey Scicluna xehed[7] illi huwa kien investiga lil Joseph Portelli fir-rigward ta' dan il-ħruq. Portelli qal li kien ilu numru ta' xhur ikellem lil Michelle Vella u anke ta total ta' €30,000 bħala pjaċir. Portelli kien qal li l-ħruq sar minn ċerta Jean Claude Galea u l-pulizija kisbet mandat ta' arrest fir-rigward ta' l-akkużat. Illi minn eżami tal-mobile ta' l-akkużat magħmul mill-espert Jonathan Mizzi rriżulta li l-akkużat kellu screenshot tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura ta' George Azzopardi. B'hekk, abbażi ta' dan l-iscreenshot kif ukoll il-verżjoni mogħtija minn Joseph Portelli, il-prosekuzzjoni ddeċidiet li tipproċedi ulterjorment kontra Joseph Portelli u l-akkużat separatament. Joseph Portelli kien ammetta l-ħtija tiegħu u ngħata l-piena[8] filwaqt li l-proċeduri kontra Jean Claude Galea huma dawk odjerni.

Illi Joseph Portelli xehed[9] illi hu kien tkellem mal-akkużat sabiex jaħarqu l-vettura *de quo*. Qal li l-akkużat talbu elf Ewro u tahomlu. Qal li missier l-akkużat kien jaf lil missieru u b'hekk hu kien jaf lill-akkużat. Qal li l-karozza kienet ta' Michelle Vella. Qal li ried ikollu relazzjoni magħha iżda kienet tweħħel fl-għarus tagħha George Azzopardi. In kontro-eżami[10] xehed illi kien jiltaqa' ma Michelle Vella madwar darbtejn fil-ġimgħa, l-aktar meta kienet tkun magħfusa għall-flus. Kienet tgħidlu li riedet il-flus biex teħles minn George Azzopardi għax kellha xi dejn miegħu. Qal li darba kien qed jgħid lill-lavranti tiegħu li jixtieq jagħmlilha xi ħaġa għax ma rieditx tħallsu lura l-flus u l-akkużat semgħu u ppropona li jaħarqilha l-karozza. Qal li ma kienx jaf li kellha karozza iżda ried jaħraq il-karozza ta' George Portelli.

---

[7] Ara x-xhieda mogħtija fl-1 ta' Lulju 2022 a fol. 259 tal-atti proċesswali.
[8] **Il-Pulizija vs Joseph Portelli**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 17 ta' Novembru 2020, Dok "MX5" a fol. 69 tal-atti proċesswali.
[9] Ara x-xhieda mogħtija fil-21 ta' Jannar 2022 a fol. 97 tal-atti proċesswali.
[10] Ara x-xhieda mogħtija fit-2 ta' Novembru 2022, a fol. 264 tal-atti proċesswali.

Mistoqsi jekk kientx talab biss lill-akkużat iġiblu n-numru tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura hu qal li mhux vera. Mistoqsi jekk jafx ċerta persuna bil-laqam ta' Tito u li huwa nvolut ukoll f'dan il-każ hu rrisponda li ma jafux.

Etienne Hili xehed[11] illi dakinhar tal-inċident hu mar biex jiftaħ il-forn tiegħu f' Main street, Ħal-Qormi għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu u x'ħin wasa fuq il-post ra vettura taqbad u mar jagħmel rapport l-għassa tal-pulizija ta' Ħal-Qormi. Illi George Azzopardi xehed[12] li huwa sid il-vettura tat-tip Mazda Bubble 121, bin-numru ta' reġistrazzjoni JAN-787[13] u li kien f'relazzjoni ma ċerta Michelle Vella.

Michelle Vella xehdet quddiem il-Qorti[14] illi ftit taż-żmien qabel kienet saret taf lil ċerta Joseph Portelli minn fuq is-sit soċjali Facebook. Qalet li t-tifel tagħha għamel żmien jaħdem miegħu u Portelli kien jgħaddi għalih bil-karozza. Meta hi kienet tkun hemm, Portelli kien jieħu kunfidenzi magħha u anke sar pussessiv fuqha, tant li kien jgħidilha biex titlaq lil George Azzopardi. Qalet li kien anke jheddidha li se jifqagħla l-bieb ta' barra bil-gaffa. Xehdet li hi kellha suspett fih u f'żewġ lavranti tiegħu. Illi fix-xhieda tagħha mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti[15] qalet li dakinhar tal-inċident hija kienet qegħda d-dar mal-partner tagħha George Azzopardi meta għall-ħabta tat-3:00am ħabtulhom mal-bieb l-uffiċjali tal-pulizija u informawhom illi l-vettura ta' George Azzopardi kienet ħadet in-nar. Qalet li kellha suspett f'ċerta Joseph Portelli. Hu riedha taħassar minn ma' George Azzopardi. Qalet li kien jaf li Azzopardi għandu Mazda u li jgħix Ħal-Qormi. Qalet li rat xi filmati ta' CCTV ta ħbieb tagħhom f'dik it-triq. Ħasbet li Portelli kien ingaġġa lil ħaddiema tiegħu biex iwettqu dan ir-reat. Qalet li ftit tal-jiem qabel kienet qaltlu li tixtieq taqta' l-kuntatt u hu kien heddidha bil-mewt.

---

[11] Ara x-xhieda mogħtija fl-04 ta' Marzu 2022 a fol. 101C tal-atti proċesswali

[12] Ara x-xhieda mogħtija fit-08 ta' Jannar 2021 a fol. 23 tal-atti proċesswali.

[13] Kif anke kkonfermat mir-rappreżentant ta' Transport Malta nhar it-12 ta' Marzu 2021, a fol. 47 tal-atti proċesswali.

[14] Ara x-xhieda mogħtija fit-08 ta' Jannar 2021 a fol. 26 tal-atti proċesswali.

[15] Xiedha mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2020 a fol. 121 tal-atti proċesswali.

PC208 Brian Fenech[16] u PS 1085 Joseph Bayliss[17] ikkonfermaw li huma marru fuq il-post fejn kien hemm il-vettura u rawha taqbad. Qalu li kkontrollaw in-nirien permezz ta' fire extinguishers u ftit tal-ħin wara ġew l-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili. Filfatt, Karl Baldacchino[18] ikkonferma illi huma marru fejn din il-vettura u li x'ħin wasal kienet diġà mitfija mill-uffiċjali tal-Pulizija.

Illi l-espert maħtur sabiex janalizza l-mobile phone bin-numru 9965-4442, Jonathan Mizzi, ppreżenta r-rapport tiegħu.[19] Minn dan ir-rapport jirriżulta illi t-telefon ċellulari kellu ssejvjat screenshot ta' messaġġ juri l-klime u n-numri JAN-787.[20] Illi r-rappreżentanta ta' Epic Communications xehdet u ppreżentat il-calls u sms profiles, data usage u localisations bejn l-1 ta' Awwissu u l-5 ta' Novembru 2020.[21] Illi dan l-espert kien maħtur ukoll mill-Maġistrat Inkiwrenti sabiex janalizza l-filmati CCTV elevati mill-pulizija. Fir-rapport tiegħu[22] jirriżulta li mill-filmat tidher persuna b'wiċċha mgħotti tersaq viċin il-vettura JAN-787 u tidher tqabbad in-nar mal-art viċin l-istess vettura sakemm ħadet in-nar u telaq minn fuq il-post.

Illi mill-proces-verbal ippreżentat[23] jirriżulta illi l-espert forensiku Dr. Daniel Vella ikkonkluda li l-vettura sofriet xi ħsarat lokalizzati bin-nirien. In-nar dam għal ftit ħin u ċ-ċentru tiegħu kien fuq il-windscreen u l-leaf compartment tal-vettura. Jidher li l-malvivent l-ewwel xerred volum ta' aċċellerant volatili, probabbilment il-petrol, għal fuq il-windscreen u għal ġol-leaf compartment tal-vettura u baqa' jferra l-aċċellerant għal fuq il-parafangu u l-bieba tan-naħa tax-xufier. Il-malvivent imbagħad jidher li kompla xerred l-aċċellerant minn taħt il-parafangu għal ġo triq biex joħloq nixxiegħa li kienet testendi tul triq kollu tal-vettura se madwar pied 'il barra minnha, minn fuq in-naħa ta' wara tagħha. Jidher li l-malvivent għamel dan

[16] Ara x-xhieda mogħtija fil-05 ta' Frar 2021 a fol. 32 tal-atti proċesswali.
[17] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Marzu 2021 a fol. 39 tal-atti proċesswali.
[18] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Marzu 2021 a fol. 45 tal-atti proċesswali.
[19] Ara Dok JM1 a fol. 77
[20] Ara fol. 84 tal-atti proċesswali.
[21] Ara Dok "CZ1" a fol. 91 tal-atti proċesswali.
[22] Ara fol. 139 tal-atti proċesswali.
[23] Ara x-xhieda ta' Emerenziana Agius mogħtija fl-04 ta' Marzu 2022 a fol. 103 *et seq.*

biex ikun jista' jqabbad il-vettura minn distanza sigura. Dan jidher li għamilha bħala prekawzjoni biex kemm jista' jkun ikun ‘il bogħod mill-vettura meta jkebbes in-nar.[24]

Illi l-pulizija, fl-investigazzjonijiet tagħhom għamlu kemm konfront bejn Joseph Portelli u l-akkużat kif ukoll ħadu stqarrija tal-akkużat. Fil-konfront, datat 16 ta’ Novembru 2020 fit-15:22hrs[25] Joseph Portelli jgħid li Michelle Vella kien jafha u kienet dejjem titolbu l-flus u twiegħdu li se tibda relazzjoni miegħu. Kienet qed tgħaddi żmien biħ u ried jagħmillha xi ħaġa. Qal li kellem lill-akkużat biex jaħraq il-karozza tal-partner tagħha u l-akkużat aċċetta u talbu €1,000 għal din il-biċċa xogħol. Aċċetta u tahomlu cash. Portelli qal li indikalu n-numru ta’ reġistrazzjoni tal-vettura li kellha tinħaraq. L-għada tad-delitt qal li l-akkużat ċempillu u kkonfermalu li kollox kien sar. Illi min-naħa tiegħu, l-akkużat jinnega li b’xi mod kien involut f’dan il-ħruq iżda min-naħa l-oħra ma joffri ebda spjega alternattiva ta’ x’kien qed jagħmel fil-ħinijiet tal-inċident.

Illi fl-istqarrija li ttieħdet lill-akkużat nhar is-17 ta’ Novembru 2020 fl-15:39hrs[26] hu qal li Portelli kien kellmu fuq Michelle Vella u li kien taha xi flus biex tagħmel intervent kosmetiku. Qallu li kellha għarus Taljan. Qal li hu ġieli jkun fi Triq il-Kbira, Ħal-Qormi peress li fil-viċinanzi toqgħod omm it-tifla tiegħu. Qal li ta’ sikwit kien ikellem lil Joseph Portelli għax kienu ħbieb. Innega li ħa xi flus mingħand Portelli jew li b’xi mod kellu x’jaqsam ma dan il-ħruq. Qal li Portelli ġieli semma lil George Azzopardi miegħu però qatt fid-dettall u ma jiftakarx il-kuntest li semmieħ fih. Qal li kemm-il darba ta l-mobile tiegħu lil Joseph Portelli biex jużaħ. Innega li kien jaf x’inhu n-numru ta’ reġistrazzjoni tal-vettura ta’ George Azzopardi jew li ħa *screenshot* tan-numru ta’ reġistrazzjoni tal-vettura tiegħu. Mistoqsi dwar kif kellu dan l-iscreenshot fuq il-mobile, qal li ġieli ta l-mobile tiegħu lil Portelli

[24] Ara fol. 115 tal-atti proċesswali.
[25] Ara Dok “A” a fol. 192 tal-atti proċesswali.
[26] Ara Dok “B” a fol. 217 tal-atti proċesswali.

iżda ma tax spjegazzjoni oħra. Hu kkonferma li dakinhar tas-26 ta' Awwissu 2020 fil-04:50 hu u Joseph Portelli kienu flimkien Burmarrad ħdejn iż-żwiemel tal-akkużat.

Illi RPC135 Mario Mifsud xehed[27] illi meta l-akkużat kien miżmum il-*lockup* tal-pulizija, ried jara tabib biex jieħu xi pilloli ħa jkun jista' jorqod mal-lejl u rrifjuta li jkellem avukat. Meta ttieħed il-policlinic, it-tabiba sabitu fi stat tajjeb u ma kinitx f'posizzjoni li ttiħ ebda pillola. Ikkonferma li l-akkużat ġie mitkellem mill-pulizija dakinhar li ttitħed il-policlinic u anke l-għada. Huwa ppreżenta d-Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd tal-Parir Legali u ċertifikat Mediku[28] kif ukoll estratt mid-Detainee book.[29]

Dr Monica Camilleri kkonfermat iċ-ċertifikat ippreżentat minn RPC 135 Mario Mifsud u li dakinhar li invistatu, ċioè fis-16 ta' Novembru 2020 kien fi stat tajjeb ta' saħħa fiżika u mentali.[30]

Dr Cynthia Farrugia Jones xehdet[31] illi bejn is-16 u s-17 ta' Novembru 2020 l-akkużat kien ġie riferut l-isptar under medical observation. Qalet li l-akkużat kien qed jilmenta minn uġieħ f'sidru għal madwar tlett siegħat iżda mill-eżamijiet li għamlu ikkonkludew li ma kien hemmx problemi bil-qalb u l-anqas bil-pulmun jew affarijiet serji li jistgħu jipperikolawlu ħajtu. Mir-records tal-isptar ma jirriżultax li kien taħt xi effett ta' sustanzi.

PS 1289 Andre Cassar Bonniċi xehed[32] illi l-akkużat kien ġie arrestat fis-16 ta' Novembru 2020 fis-13:40 u ttieħed il-*custody* fis-14:00. Qal li huwa ngħata d-drittijiet kollha tiegħu, inkluż l-assistenza medika u rrifjuta li jieħu dik l-assistenza. Għall-ħabta tal-16:15 talab biex imur il-Floriana Health Centre u ttieħed minn PC1081. Aktar tard reġa mar il-Floriana Health

[27] Ara x-xhieda mogħtija fis-27 ta' Frar 2023 a fol. 288 tal-atti proċesswali.
[28] Ara dok "MM2" a fol. 290 A u 290B tal-atti proċesswali.
[29] Ara dok "MM1" a fol. 291 tal-atti proċesswali.
[30] Ara x-xhieda mogħtija fis-27 ta' Frar 2023 a fol. 293 tal-atti proċesswali.
[31] Ara x-xhieda mogħtija fl-20 ta' Settembru 2023 a fol. 332 tal-atti proċesswali.
[32] Ara x-xhieda mogħtija fl-20 ta' Settembru 2023 a fol. 334 tal-atti proċesswali.

Centre u ttieħed l-Isptar Mater Dei fejn inżamm sat-14:40 tas-17 ta' Novembru 2020.

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti ppreżentati jirriżulta inkontradett illi nhar il-5 ta' Settembru 2020 bejn is-2:30am u t-3:30am, il-vettura tat-tip Mazda Bubble, bin-numru ta' reġistrazzjoni JAN-787 sfat danneġġjata minħabba ħruq doluż u volontarju. Fortunatament, bl-intervent f'waqtu ta' Etienne Hili n-nirien li ħakmu din il-vettura ġew mitfija u l-ħsarat kienu biss fuq partijiet tal-vettura. Jirriżulta ċar li persuna volontarjament tefgħet xi aċċellerant fuq il-vettura sabiex din tkun tista' tieħu n-nar. Huwa indiskuss ukoll li l-vettura hija propjetà ta' George Azzopardi u li l-mandant kien Joseph Portelli, li ammetta l-involviment tiegħu u ngħata sentenza minn din il-Qorti diversament ippresjeduta.

Illi skont il-verżjoni mogħtija minn Joseph Portelli, huwa ħallas is-somma ta' €1,000 lill-akkużat sabiex ikun jista' jsir dan il-ħruq tal-vettura. Illi din l-informazzjoni ħarġet oriġinarjament mill-konfront li sar bejn Joseph Portelli u l-akkużat nhar is-16 ta' Novembru 2020 fil-kwartieri tal-Pulizija. Illi d-difiża tissottometti, madanakollu, illi din il-konfessjoni hija prova inammissibbli għaliex fil-mument li saret, Joseph Portelli ma kienx ingħata sentenza u kien għadu fl-istadju ta' ko-suspettat.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**,:[33]

> *"Huwa prinċipju ieħor, ipprattikat fil-Qrati Maltin, li dak li jgħid ko-akkużat ma jistax la jibbenefika u l-anqas jippreġudika ko-akkużat ieħor;"*

[33] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7 ta' April 1992

Illi dwar il-mument li xhieda ta' ko-akkużat tkun tista' tiġi ammessa fil-proċeduri, il-Qorti tagħhmel referenza għall-insenjament mogħti fis-sentenza Il-**Pulizija vs Omissis u Jeremy Farrugia**:[34]

> *"Hu evidenti minn dan il-bran li l-ewwel qorti kkonfondiet zewg regoli: ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) li tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun <u>il-komplici</u>, u r-regola l-ohra li l-<u>ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti</u> favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati lohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor <u>biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz</u> (ara f'dan is-sens **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri** Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija v. Toni Pisani** Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Vella** Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police v. Alfred W. Luck et**. Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara** Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et**. Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri u Theresa Agius** Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et**. Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998). Fil-kaz in dizamina meta xehed Zammit hu kien ghadu ko-akkuzat ma' Farrugia, u ghalhekk id-deposizzjoni tieghu ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti, hlief, naturalment, bhala prova favur jew kontra l-istess Zammit. Ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija ta' Zammit minnu maghmula lill-pulizija japplika, s'intendi, l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali. Jekk wiehed jiskarta ddeposizzjoni ta'*

[34] Il-**Pulizija vs Omissis u Jeremy Farrugia,** Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Mejju 2001 (appell Nru 60/2001)

*Zammit f'dana l-kaz, ma hemm ebda prova, diretta jew indizzjarja, kontra l-appellant Farrugia fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni."*

Illi fil-każ *de quo* meta sar il-konfront, għalkemm Joseph Portelli ma kienx għadu ġie formalment akkużat quddiem il-Qorti, huwa kien diġà ammetta li kien il-mandant ta' dan id-delitt u l-pulizija kienu jafu li kienu ser jakkużawħ il-Qorti, filfatt kien ġie akkużat u ngħata sentenza propju l-għada, s-17 ta' Novembru 2020. Illi b'hekk, il-Qorti tqis li d-difiża għandha raġun f'dan l-aspett u l-konfront magħmul bejn Joseph Portelli u l-akkużat ma jistax jintuża bħala prova kontra l-akkużat iżda, se mai, bħala prova fir-rigward tal-istess Joseph Portelli ai termini tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan ma jfissirx, madanakollu, illi x-xhieda mogħtija minn Joseph Portelli quddiem din il-Qorti għandha tiġi skartata wkoll. Id-depożizzjoni tiegħu saret wara li ngħatat is-sentenza kontra tiegħu u wara li għadda ż-żmien tal-appell minn tali sentenza u b'hekk hija legalment ammissibbli. Illi l-Qorti ssib li x-xhieda mogħtija minn Joseph Portelli fir-rigward tal-preżenti każ hija wkoll kredibbli u kostanti fil-ġeneralità tagħha. Għalkemm huwa impreċiż dwar xi dettalji, huwa baqa' kostantement jgħid, in eżami kif ukoll in kontro-eżami numru ta' xhur wara, li l-akkużat involut fl-offerta li jaħraq il-vettura *de quo* għas-somma ta' elf Ewro u li taħ din is-somma.

Ikkonsidrat;

Illi fiż-żewġ akkużi miġjuba kontra l-akkużat, ossija dawk ta' ħruq volontarju u ta' danni volontarji, l-prosekuzzjoni għażlet li timputalu l-kompliċità f'dawn ir-reati.

Illi l-Artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola dawk l-elementi meħtieġa sabiex persuna tkun tista' titqies li hija kompliċi. Di più, b'żieda

ma dawk l-elementi, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak li ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dylan Mackay:**[35]

> *"Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab hati bhala ko-awtur f'dan id-delitt irid jirrizulta soddisfacentement pruvat mill prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu mal-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti il-prova ta' dina l-intenzjoni u cioe' ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[1: App Krim 24/05/2002 il-Pulizija vs Carmelo Agius et.]"*
>
> *Maghmula allura dina l-kostatazzjoni, kellu jigi ippruvat qabel xejn mill-prosekuzzjoni illi l-appellant kellu 'l hekk imsejjah common design mal-awtur tar-reat, kif allegat. Dan il-fatt madanakollu jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti billi mid-decizjoni appellata jidher biss illi mill-provi prodotti saru presunzjonijiet ta' fatt li setghu implikaw lill-appellant f'din is-serqa, minghajr ma gie stabbilit dan il-ftehim pre-ordinat ma' terz jew terzi fl-esekuzzjoni tad-delitt.*"

Illi fix-xhieda tiegħu, l-ispettur Xiberras jgħid li mill-informazzjoni li għandha l-pulizija, l-akkużat kien qabbad lil ċerta Jesmond Cassar biex iwettaq dan id-delitt u l-istess Cassar ġie akkużat quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta. Illi min-naħa l-oħra, Michelle Vella xehdet illi hija kellha

[35] **Il-Pulizija vs. Dylan MacKay**, Qorti tal-Appell Kriminali, 29 ta' Novembru 2018 (App. Krim Nru 523/2016)

suspetti f'żewġ ħaddiema li jaħdmu ma' Joseph Portelli. Huwa pprovat li l-akkużat ma kienx jaħdem ma' Joseph Portelli iżda li kienu jafu lil xulxin.

Illi mill-bran appena ċitat jirriżulta ċar li sabiex teżisti l-kompliċità, l-ewwel irid ikun hemm l-akkordju mentali bejn tal-inqas żewġ persuni kif ukoll il-parteċipazzjoni fiżika jew morali kif meħtieġ mill-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Illi mill-provi prodotti in atti, il-Qorti għandha quddiemha akkordju, jew mandat, li sar bejn Joseph Portelli u l-akkużat, u vettura parzjalment maħruqa. Il-prosekuzzjoni tipprova tagħlaq il-ħolqa tar-reat billi ssemmi li kellha suspett f'ċerta Jesmond Cassar, iżda ma ressqet ebda prova ta' dan.

Illi huwa veru li a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kodiċi Kriminali meta jiġi stabbilit li fil-fatt sar delitt il-kompliċi jeħel apparti mill-awtur anke jekk l-awtur ma jkunx magħruf. Dan ifisser li mhux neċessarju għall-prosekuzzjoni li tressaq provi dwar min kien l-awtur effettiv ta' dan ir-reat. Min-naħa l-oħra, fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni xorta għandha l-obbligu li tressaq prova, tal-inqas, dwar il-*common design* bejn il-kompliċi u l-awtur. Illi huwa fatt indiskuss li l-akkużat kellu *screenshot* tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li sfat parzjalment maħruqa, però ma ġiex ipprovat x'għamel l-akkużat b'dak l-i*screenshot*. Setgħet il-prosekuzzjoni, bħala eżemplari, tressaq prova li dak l-*iscreenshot* ġie mqassam mill-akkużat ma terza persuna injota jew magħrufa, liema prova kienet turi kemm il-*common design* kif ukoll l-għajnuna jew assistenza mogħtija mill-akkużat lill-awtur tar-reat.

Illi fil-fehma tal-Qorti, min-naħa l-oħra, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-element tal-*common design* bejn l-akkużat u l-mandant Joseph Portelli. L-akkużat kien pjenament konxju li Portelli ried jaħraq vettura b'rabta ma Michelle Vella u indaħal għal din il-biċċa xogħol konxjament. Il-prosekuzzjoni pprovat ukoll illi l-akkużat u Joseph Portelli kellhom inkontru nhar is-26 ta' Awwissu 2020 f'Burmarrad u li dakinhar stess ittieħed l-*iscreenshot* tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura *de quo* miċ-ċellulari tal-akkużat.

Illi minn eżami *prima facie* ta' dawn il-provi jista' jidher li jaqgħu dan l-akkordju jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Peró, mill-provi jirriżulta li, *se mai*, Joseph Portelli ta l-ordni lill-akkużat biex iwettaq id-delitt u mhux vice versa. Jirriżulta li n-numru tar-reġistrazzjoni ingħata minn Portelli lil akkużat u mhux viċe versa u rriżulta wkoll li Portelli ta kumpens lill-akkużat għal dan id-delitt. Illi dawn il-provi u xenarji, madanakollu, jeħtieġu neċessarjament ħolqa bejn l-akkużat u l-ħruq parzjali tal-vettura.

Illi b'hekk mankanti dawn l-elementi tal-komplitiċità kemm dwar l-akkużat vis-a-vis l-awtur tal-ħruq parzjali kif ukoll dwar l-akkużat vis-a-vis Joseph Portelli, il-Qorti ma ssibx illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din il-kwalifika ta' kompliċità sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi detto ċio, l-Artikolu 467(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti illi fejn persuna tkun akkużata b'kompliċità, il-ġuri jista' jsib ħtija f'dik il-persuna bħala awtur. Dwar dan l-artikolu, jingħad fis-sentenza **Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri et:**[36]

> *"Pero` huwa wkoll principju elementari li meta persuna tkun akkuzata b'reat bhala awtur ta' dak ir-reat, qorti ta' gustizzja kriminali tista` ssib lil dik il-persuna hatja mhux bhala awtur izda bhala komplici f'dak ir-reat, jew inkella flok hatja tar-reat ikkunsmat hatja biss ta' tentattiv ta' dak ir-reat. Ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti li japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Illi għalhekk, il-Qorti m'hix ser tintrabat mal-eżami tal-fatti biss b'rabta mal-akkużi fil-forma ta' kompliċità iżda ser teżaminhom ukoll mill-ottika tal-akkużat bħala awtur tar-reati *de quo*.

---

[36] **Il-Pulizija v.Emanuel Camilleri et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Novembru 2001 (App Nru 104/2001)

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirriżulta illi l-akkużat ta' sikwit ikun fl-inħawi ta' fejn seħħ l-akkadut minħabba li omm il-minuri tiegħu tirrisjedi f'dawk in-naħat. Mill-provi prodotti rigward il-localisations, madanakollu, ma rriżultax lill-Qorti illi l-akkużat kien f'dawk l-akkwati fil-mument li seħħ l-inċendju. Illi di più, il-persuna li fil-filmat CCTV tidher qed tagħti n-nar lill-vettura hija mgħammda u liebsa hoodie u diffiċli tingħaraf. Illi l-istess prosekuzzjoni xehdet illi aktarx kienet persuna oħra, ċerta Jesmond Cassar li kien l-awtur ta' dan id-delitt.

Illi għalhekk, ma hemm ebda prova da parti tal-prosekuzzjoni li torbot lill-akkużat mal-lok u l-ħin fejn seħħ dan ir-reat u b'hekk il-Qorti lanqas ma tista tikkonsidra lill-akkużat bħala l-awtur ta' dan ir-reat.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti qed issib lil Jean Claude Galea **mhux ħati** ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena dwarhom.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**